IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 14.12.2011
KUMM(2011) 884 finali

2011/0436 (APP)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020

{SEG(2011) 1562 finali}
{SEG(2011) 1563 finali}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Kuntest ġenerali

L-inkoraġġiment u l-iffaċilitar tal-involviment usa' taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea u dak li tirrappreżenta huwa ta' sinifikat u importanza kbira. Dan ivarja mill-ħtieġa biex jiżdied l-involviment tagħhom fl-affarijiet kurrenti sal-ħtieġa li jiġi żgurat għarfien usa' tal-istorja tal-Unjoni u l-oriġini tagħha wara ż-żewġ gwerer dinjija orribbli. Programmi taċ-ċittadini preċedenti ttrattaw dawn l-isfidi b'suċċess u hemm bżonn sostanzjali għat-tkomplija ta' dan ix-xogħol fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

Kif iddikjarat mill-President Barroso fid-diskors tiegħu tal-Istat tal-Unjoni 2011, issa qed naffaċċjaw l-akbar sfida li l-Unjoni tagħna għaddiet minnha fl-istorja kollha tagħha. Hija kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali, iżda hija wkoll kriżi ta' fiduċja. Il-pjanijiet nazzjonali jew saħansitra l-kooperazzjonijiet intergovernattivi mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw tali problemi ekonomiċi u soċjali fuq skala kbira, iżda ċ-ċittadini għadhom mhumiex konxji għalkollox tar-rwol u l-kisbiet tal-Unjoni. Għalhekk il-Kummissjoni teħtieġ li ssib modi biex tkabbar il-kuxjenza u l-fehim taċ-ċittadini dwar il-proġett tal-Unjoni.

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jagħmel pass kbir 'il quddiem biex iġib lill-Unjoni eqreb taċ-ċittadini tagħha u biex isaħħaħ id-dibattitu transkonfinali dwar kwistjionijiet marbuta mal-politika tal-UE: l-Artikolu 11 tiegħu jintroduċi dimensjoni ġdida għalkollox ta' demokrazija parteċipatorja, li element ewlieni minnha hu d-dritt il-ġdid tal-inizjattiva miċ-ċittadini.

Permezz ta' dan il-programm, il-Kummissjoni tipproponi li tieħu azzjoni biex tibni kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika (bħala element wieħed minn trijanglu strateġiku, filwaqt li timplimenta l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tippromwovi d-drittijiet taċ-ċittadini). Hija għandha l-ħsieb li

(1) tiżviluppa l-kapaċità tas-soċjetà ċivili għall-parteċipazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni;

(2) tiżviluppa strutturi ta' appoġġ biex jikkomunikaw ir-riżultati ta' dawn id-dibattiti lil dawk li jfasslu l-politiki fil-livelli rilevanti;

(3) toffri opportunitajiet addizzjonali għaċ-ċittadini individwali biex jipparteċipaw fid-dibattiti u d-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-Unjoni.

### 1.2. Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-programm jimmira li jindirizza l-ħtieġa għal dibattiti aktar ġenwini dwar kwistjonijiet relatati mal-Unjoni fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, li jistgħu jiġu tradotti f'perspettiva pan-Ewropea. Huwa jfittex li jilħaq grupp kbir ta' ċittadini - dawk li normalment ma jippruvawx jinfluwenzaw jew li jieħdu sehem fl-affarijiet tal-Unjoni - permezz ta' sett wiesa' ta' organizzazzjonijiet sabiex isir l-ewwel pass lejn involviment, ikun xi jkun is-suġġett (relatat mal-Unjoni) jew format, sakemm dan ikun transnazzjonali jew sakemm ikollu dimensjoni Ewropea. Bl-approċċ orizzontali tiegħu, l-għan tal-programm mhuwiex li jissostitwixxi inizjattivi oħra, jew li jirdoppja l-konsultazzjonijiet fil-livell tal-UE, iżda li

jimmobilizza ċ-ċittadini fil-livell lokali biex jiddiskutu kwistjonijiet konkreti ta' interess Ewropew u biex jiżviluppaw l-involviment aktar fil-fond fl-affarijiet tal-UE. B'dan il-mod, huma jsiru konxji tal-impatt tal-politiki tal-Unjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Iċ-ċittadini jistgħu jinfluwenzaw u jesperjenzaw il-benefiċċji tal-Ewropa u jagħmlu konnessjoni mal-missjoni tal-Unjoni..

Fejn jidħlu d-disinn futur tal-programm, il-mira, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà fit-termini soċjetali u ġeografiċi, l-analiżi tal-impatt u l-mekkaniżmi tal-valorizzazzjoni/disseminazzjoni, il-programm se jibni fuq l-analiżi tal-punti sodi u dawk dgħajfa tal-programm attwali "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" (2007-2013).

L-għan ġenerali ta' programm fil-futur se jkun li "jsaħħaħ il-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni u jtejjeb il-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni". Se jindirizza il-ħrieġa relatata ta' strutturi ta' appoġġ biex jikkomunikaw ir-riżultati ta' dawn id-dibattiti lil dawk li jfasslu l-politiki fil-livelli rilevanti; Għal dan, il-programm se jikkontribwixxi billi jiżviluppa l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet taċ-ċittadini biex jinvolvu liċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-objettivi speċifiċi proposti jkunu jinkludu:

– L-istimolu ta' dibattiti, riflessjoni u kooperazzjoni dwar il-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni u dwar l-integrazzjoni tagħha;

– L-iżvilupp tal-fehim taċ-ċittadini u l-kapaċità tagħhom biex jipparteċipaw fil-proċess ta' tfassil ta' politiki tal-UE u l-iżvilupp ta' opportunitajiet għal solidarjetà, impenn soċjetali u volontarjat fil-livell Ewropew.

B'riżultat ta' definizzjoni iktar ċara tal-objettivi speċifiċi proposti għall-Programm il-ġdid, se jiġi ddefinit sett ġdid ta' objettivi operazzjonali. Dawn tal-aħħar se jżidu l-kapaċità tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi indikaturi aktar sodi u sussegwentement tkun tista', oġġettivament u f'aktar dettall, tistabbilixxi l-progress u l-impatt.

– Organizzazzjoni ta' sostenn biex jippromwovu dibattiti u attivitajiet fuq il-kommemorazzjoni tal-istorja Ewropea u l-valuri Ewropej;

– Organizzazzjonijiet ta' sostenn ta' interess ġenerali Ewropew, sħubiji u netwerks transnazzjonali għall-promozzjoni tal-interazzjonijiet taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet tal-UE;

– Id-dimensjoni orizzontali: Analiżi, disseminazzjoni u valorizzazzjoni tar-riżultati tal-proġett permezz ta' attivitajiet interni u esterni.

## 1.3. Konsistenza ma' politiki u objettivi oħra tal-Unjoni

L-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jistipula l-kompiti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jagħtu liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jwasslu u jiskambjaw pubblikament l-opinjonijiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni. L-istess Artikolu jirreferi għall-obbligu tal-istituzzjonijiet li jkollhom djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mas-soċjetà ċivili, l-obbligu tal-Kummissjoni li twettaq konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet interessati, u jintroduċi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini. Fil-"Linji Gwida Politiċi" tiegħu ta' Settembru 2009, il-President Barroso talab li ssir enfasi aktar b'saħħitha fuq iċ-ċittadini, li għandhom ikunu fil-qalba tal-politiki Ewropej. Kif spjegat hawn taħt, huwa ppjanat li l-attivitajiet imwettqa taħt il-programm tal-ġenerazzjoni li jmiss "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" jintrabtu ħafna aktar mill-qrib mat-tfassil konkret tal-politiki.

Konsegwentement, se jkun hemm kooperazzjoni qawwija bejn is-servizzi tal-Kummissjoni li jimplimentaw il-politiki u l-programmi rispettivi.

Il-programm huwa wieħed mill-istrumenti li jorbtu l-prinċipji demokratiċi tal-Artikoli 10 u 11 tat-TUE ma' firxa wiesgħa ta' politiki settorjali tal-Unjoni mingħajr ma jissostitwixxi d-djalogi speċifiċi maċ-ċittadini, il-partijiet interessati u l-gruppi ta' interess li ssostni l-Kummissjoni Ewropea. Il-ġenerazzjoni li jmiss tal-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" jagħti s-setgħa liċ-ċittadini biex jiskambjaw fehmiet dwar l-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni u fl-istadji kollha tal-proċess formali tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Fejn jidħlu t-temi tal-proġetti, l-inkorporazzjoni tagħhom fil-kuntest lokali u reġjonali, u l-kompożizzjoni tal-partijiet interessati, hemm sinerġiji importanti ma' programmi oħra tal-Unjoni, jiġifieri fl-oqsma tal-impjiegi, l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, iż-żgħażagħ u l-kultura, il-ġustizzja, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u n-nondiskriminazzjoni, u l-politika reġjonali.

Barra minn hekk il-programm huwa kumplimentari u addizzjonali mal-ħidma mwettqa mir-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea fl-Istati Membri. Ir-Rappreżentazzjonijiet se jkunu involuti fil-komunikazzjoni u l-promozzjoni tal-programm kemm jista' jkun konsistenti mal-mandat tagħhom ta' komunikazzjoni liċ-ċittadini u komunikazzjoni fil-livell tal-pajjiż.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### 2.1 Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati ewlenin tal-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" kienet sostanzjali. L-opinjonijiet tagħhom ġew mitluba fl-okkażjonijiet li ġejjin:

– Fl-20 ta' Ġunju 2010, saret laqgħa ta' konsultazzjoni fi Brussell mal-partijiet interessati ewlenin: mal-membri tal-grupp tal-konsultazzjoni regolari mal-NGO, mal-punti ta' kuntatt nazzjonali għaċ-Ċittadinanza Ewropea (PECs), mal-Kunsill għall-Muniċipalitajiet u r-Reġjuni Ewropej (CEMR) u l-Koordinaturi tal-Ġemellaġġ tal-Ibliet, u mal-membri tal-Kumitat tal-Programm. Il-proċeduri kienu bbażati fuq aġenda miftuħa b'approċċ tabilħaqq parteċipatorju.

– Fis-27 ta' Ottubru 2010, konsultazzjoni onlajn miftuħa għall-pubbliku dwar il-futur tal-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" tnediet permezz tal-għodda tal-IPM (Tfassil ta' Politika Interattiv) tal-Kummissjoni. Il-konsultazzjoni kienet miftuħa sal-5 ta' Jannar 2011 u stiednet kontribuzzjonijiet mill-partijiet interessati kollha: ċittadini individwali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, awtoritajiet u amministrazzjonijiet pubbliċi, istituzzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali u oħrajn. 412-il rispondent ipparteċipaw, u 5 sottomissjonijiet addizzjonali waslu separatament. L-opinjonijiet espressi ġew analizzati mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' konsulent estern. Ir-riżultati u analiżi dettaljata tal-konsultazzjoni pubblika huma disponibbli f' http://ec.europa.eu/citizenship.

– Fil-21 ta' Ġunju 2011, saret laqgħa oħra mal-partijiet interessati fi Brussell b'100 parteċipant.

– Bejn Mejju u Ġunju 2011 saru tliet stħarriġiet ta' gruppi ta' fokus fi Vjenna, Pariġi, u Varsavja fuq aspetti differenti tal-Programm (il-ġemellaġġi tal-ibliet, l-impatt fuq l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, il-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni) li laqgħu il-partijiet interessati ma' riċerkaturi, gvernijiet lokali u nazzjonali, u ġurnalisti.

– Konsultazzjoni regolari mal-partijiet interessati: Kienet tinkludi 2-3 laqgħat/sena bejn il-Kummissjoni u madwar 70 organizzazzjoni Ewropej ewlenin involuti b'mod attiv fil-Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini".

### 2.2 Ġbir u użu ta' għarfien espert

Il-kompetenza tal-partijiet interessati espressa fiż-żewġ laqgħat tal-partijiet interessati u tal-partijiet interessati espressi fil-konsultazzjoni pubblika onlajn ġew aċċettati mill-Kummissjoni waqt li fasslet il-Valutazzjoni tal-Impatt dwar il-preparazzjoni tal-proposta tal-programm. Dawn ġew ikkontrollati kontra l-kompetenza tal-gruppi ta' fokus li ġew ikkonsultati fir-rebbiegħa tal-2011.

Sabiex tibni fuq l-esperjenza tal-programm attwali, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu mwettqa minn konsulent estern fl-2010 pprovdiet sors importanti ta' informazzjoni li ddaħħlet kemm fil-Valutazzjoni tal-Impatt kif ukoll fil-proposta tal-programm.

### 2.3 Valutazzjoni tal-impatt

Valutazzjoni sħiħa tal-Impatt saret fis-sajf tal-2011. Fil-21 ta' Settembru 2011: il-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt iddiskuta r-rapport u talab għadd ta' titjib fir-rapport, b'mod partikolari biex jipprovdi analiżi aktar kompleta u ffokata fuq il-problema, biex ikun aktar speċifiku dwar l-objettivi, biex ifassal u jivvaluta għażliet ta' politika sostantivi, u jiċċara arranġamenti ta' evalwazzjoni u jiddefinixxi indikaturi ta' progress aktar robusti. Dawn l-elementi ġew inklużi fir-rapport attwali.

Barra minn hekk, il-programm ġie integrat fil-Valutazzjoni tal-Impatt kumulattiv tal-MFF 2014-2020.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1 Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu 2014-2020 li jibni fuq il-programm eżistenti. Dan jimmira li jtejjeb il-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni u b'hekk jaħdem fuq għan globali: biex jippromwovi l-parteċipazzjoni ċivika u jikkontribwixxi għal għarfien u fehim dejjem akbar dwar l-Unjoni. Iż-żewġ dimensjonijiet tiegħu jipprevedu li jappoġġjaw, fuq naħa waħda, organizzazzjonijiet ta' interess Ewropew ġenerali, sħubiji u netwerks transnazzjonali bil-ħsieb li jistimulaw interazzjonijiet min-naħa taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, organizzazzjonijiet li jippromwovu dibattitu u attivitajiet dwar valuri Ewropej u l-istorja. Bħala karatteristika trasversali, il-programm huwa maħsub biex jagħmel dispożizzjonijiet għall-analiżi, id-disseminazzjoni u l-valorizzazzjoni tar-riżultati elaborati mill-attivitajiet tal-programm. Il-programm, bħall-predeċessur tiegħu, se jiġi implimentat permezz ta' għotjiet operattivi u għotjiet ta' azzjoni bbażati fuq sejħiet miftuħa għal proposti u permezz ta' kuntratti ta' servizz ibbażati fuq sejħiet għall-offerti. Il-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' analiżi ta' kostbenefiċċju, tista' tuża aġenzija eżekuttiva eżistenti għall-implimentazzjoni

tal-programm, kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità.

### 3.2 Bażi legali

Artikolu 352 TFUE.

### 3.3 Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

L-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jistipula l-obbligi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jagħtu "liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jwasslu u jiskambjaw pubblikament l-opinjonijiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni". L-istess Artikolu jirreferi għall-obbligu tal-istituzzjonijiet li "jkollhom djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili", l-obbligu tal-Kummissjoni li twettaq konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet interessati, u jintroduċi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

Huma meħtieġa mezzi xierqa biex jiżguraw il-kisba ta' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat. Il-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" jirrappreżenta wieħed minn dawn il-mezzi, bħalma r-Regolament 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, jirrappreżenta ieħor.

Il-valur miżjud tal-Unjoni tal-Programm propost jista' jkompli joħroġ fil-livell tal-azzjonijiet individwali tal-Programm il-Ġdid:

– Fil-każ ta' "**Kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni u ċ-ċittadinanza Ewropea**", il-programm ifittex li jappoġġja organizzazzjonijiet biex jippromwovi d-dibattitu u l-attivitajiet dwar l-integrazzjoni u l-istorja Ewropea fuq livell transnazzjonali jew meta tiġi indirizzata dimensjoni Ewropea ċara. Għal ċerti azzjonijiet taħt "l-istorja", dimensjoni Ewropea hija biżżejjed. Arkivji storiċi, siti li jikkommemoraw l-istorja tal-Unjoni, fihom infushom, huma marbuta bil-pożizzjoni ġeografika tagħhom, iżda f'ħafna każijiet għandhom sinifikat madwar l-Unjoni kollha.

– Fil-każ ta' "**Impenn demokratiku u parteċipazzjoni ċivika**", il-programm jara li jiżviluppa l-fehim taċ-ċittadini u l-kapaċità li jipparteċipaw fil-proċess tat-tfassil tal-politiki tal-Unjoni li jiżviluppa opportunitajiet għal solidarjetà, impenn soċjali u volontarjat fil-livell tal-Unjoni. Ambitu u ambizzjoni wesgħin bħal dawn jistgħu jiġu indirizzati biss fil-livell tal-Unjoni.

– Fil-każ ta' "**Valorizzazzjoni**", din hija dimensjoni orizzontali tal-programm kollu kemm hu. Hawn il-progranmm se jiffoka fuq l-analiżi, id-disseminazzjoni, il-komunikazzjoni u l-valorizzazzjoni tar-riżultati tal-proġetti mil-linji msemmija hawn fuq. Pjattaformi nazzjonali u reġjonali jgħinu biex jinġabru l-aħjar prattiki u ideat dwar kif tissaħħaħ il-parteċipazzjoni ċivika, iżda pjattaformi pan-Ewropej u għodod komuni huma meħtieġa wkoll biex iwessgħu l-perspettiva u jiffaċilitaw l-iskambju transnazzjonali.

L-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u għaldaqstant jistgħu, minħabba n-natura transnazzjonali u multilaterali tal-azzjoni u l-miżuri tal-programm, jiġu rrealizzati aħjar fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

### 3.4 Il-prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità fis-sens li ma tmurx lil hinn mill-minimu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan iddikjarat fil-livell Ewropew u dak li hu meħtieġ għal dak l-iskop.

### 3.5 L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali

Il-programm jipprovdi appoġġ indirett lid-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Qafas Finanzjarju Multiannwali għall-perjodu 2014-2020 tipprevedi li EUR 229 miljun fi prezzijiet attwali se jiġu allokati għal programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini".

### 4.1 Implimentazzjoni

F'termini ta' ġestjoni, ir-Regolament jimmira lejn approċċ aktar razzjonalizzat u simplifikat, li jirriżulta f'kosteffettività akbar. L-ekonomiji ta' skala se jkunu sinifikanti meta l-azzjonijiet ta' natura simili jkollhom regoli u proċeduri simili ta' implimentazzjoni, li jipprovdu simplifikazzjoni kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-korpi ta' ġestjoni fil-livell tal-UE u nazzjonali.

Is-simplifikazzjoni diġà hija ta' importanza ewlenija fil-programm attwali u se tiġi żviluppata aktar fil-programm il-ġdid. L-użu ta' aġenzija eżekuttiva għat-tmexxija taċ-ċiklu sħiħ tal-programm jippermetti li jkun hemm iffrankar konsiderevoli f'termini ta' amministrazzjoni u riżorsi umani. Barra minn hekk, l-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u spejjeż unitarji, applikazzjonijiet elettroniċi, u verifiki fuq il-post effiċjenti permezz tar-raggruppar ta' żjarat lill-organizzazzjonijiet fl-istess reġjun, ikompli jnaqqas il-piż amministrattiv kif ukoll jippermetti tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż.

2011/0436 (APP)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 11 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom l-opportunità li jwasslu u jiskambjaw il-fehmiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni u biex iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili.

(2) Bl-Istrateġija Ewropa 2020, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom l-għan li jipprovdu tkabbir, impjiegi, produttività u koeżjoni soċjali għall-għaxar snin li ġejjin[2].

(3) Filwaqt li oġġettivament hemm valur miżjud ċar li wieħed ikun ċittadin tal-Unjoni bi drittijiet stabbiliti, l-Unjoni mhux dejjem tenfasizza b'mod effettiv ir-rabta bejn is-soluzzjoni ta' firxa wiesgħa ta' problemi ekonomiċi u soċjali u l-politiki tal-Unjoni. Għalhekk, il-kisbiet impressjonanti fejn jidħlu l-paċi u l-istabbiltà fl-Ewropa, it-tkabbir sostenibbli fit-tul, il-prezzijiet stabbli, il-protezzjoni effiċjenti tal-konsumaturi u tal-ambjent u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, mhux dejjem wasslu għal sensazzjoni qawwija ta' appartenenza min-naħa taċ-ċittadini fl-Unjoni.

(4) Sabiex l-Ewropa tinġieb eqreb taċ-ċittadini tagħha u sabiex dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-bini ta' Unjoni dejjem aktar magħquda, hija meħtieġa varjetà ta' azzjonijiet u sforzi kkoordinati permezz ta' attivitajiet fil-transnazzjonali u tal-Unjoni. L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tipprovdi opportunità unika biex

---

[1] ĠU C , , p. .
[2] KUMM (2010)2020 finali tat- 3.3.2010

tippermetti liċ-ċittadini jipparteċipaw direttament fit-tfassil tal-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-UE.[3]

(5) Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva[4] tistabbilixxi programm ta' azzjoni li kkonferma l- ħtieġa li jiġi promoss djalogu sostnut mal-organizzazzjonijiet u l-muniċipalitajiet tas-soċjetà ċivili u li jingħata appoġġ lill-involviment attiv taċ-ċittadini.

(6) Ir-rapport ta' evalwazzjoni interim, il-konsultazzjoni pubblika onlajn u ż-żewġ laqgħat konsekuttivi ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati kkonfermaw li Programm ġdid huwa meqjus rilevanti kemm mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mill-individwi parteċipanti u għandu jkun stabbilit sabiex ikun hemm impatt fuq livell organizzattiv f'termini tal-bini ta' kapaċitajiet u fuq livell personali f'termini ta' interess akbar fi kwistjonijiet tal-Unjoni.

(7) Fejn jidħlu t-temi tal-proġetti, l-inkorporazzjoni tagħhom fil-kuntest lokali u reġjonali, u l-kompożizzjoni tal-partijiet interessati, għandu jkun hemm sinerġiji importanti ma' programmi oħra tal-Unjoni, jiġifieri fl-oqsma tal-impjiegi, l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-kultura, il-ġustizzja, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u n-nondiskriminazzjoni, u l-politika reġjonali.

(8) Il-programm il-ġdid għandu jkopri firxa wiesgħa ta' azzjonijiet differenti u jinkludi, fost oħrajn, laqgħat maċ-ċittadini, kuntatti u dibattiti dwar kwistjonijiet ta' ċittadinanza, avvenimenti fil-livell tal-Unjoni, inizjattivi għal riflessjoni fuq mumenti importanti fl-istorja Ewropea, inizjattivi biex titqajjem kuxjenza dwar l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-funzjonament tagħhom, u dibattiti dwar kwistjonijiet tal-politika Ewropea, bl-għan li jitrawmu l-aspetti kollha tal-ħajja pubblika.

(9) Dimensjoni orizzontali tal-Programm għandha tiżgura l-valorizzazzjoni u t-trasferibbiltà tar-riżultati għal impatt imtejjeb u sostenibilità fit-tul. Għal dan il-għan, l-attivitajiet mibdija għandu jkollhom rabta ċara mal-aġenda politika Ewropea, u jiġu kkomunikati b'mod xieraq.

(10) Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-integrazzjoni bbilanċjata taċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Istati Membri kollha fi proġetti u attivitajiet transnazzjonali, b'kunsiderazzjoni tal-karattru multilingwali tal-UE.

(11) Il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi potenzjalment kandidati li jibbenefikaw minn strateġija qabel l-adeżjoni, minn naħa waħda, u l-pajjiżi tal-EFTA parti għall-Ftehim taż-ŻEE, min-naħa l-oħra, huma rikonoxxuti bħala parteċipanti potenzjali fil-programmi tal-UE, skont il-ftehimiet konklużi magħhom.

(12) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għat-tul kollu tal-Programm, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija, fis-sens tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-XX/YY/201Y bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-

---

3 Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1)

4 ĠU L 378/32 tas-27.12.2006

kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.

(13) Ir-riżorsi allokati għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament.

(14) Il-programm għandu jiġi mmonitorjat regolarment u jiġi evalwat b'mod indipendenti f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jippermetti l-aġġustamenti mill-ġdid li jkunu meħtieġa jekk il-miżuri jiġu implimentati kif suppost.

(15) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu tan-nefqa, inkluża l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati ħażin u, fejn xieraq, permezz ta' penali.

(16) Se tingħata preferenza lil għotjiet għal proġetti b'impatt kbir, b'mod partikolari dawk li huma direttament marbuta mal-politiki tal-UE bil-għan li jipparteċipaw fit-tfassil tal-aġenda politika tal-UE. Barra minn hekk, skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda, l-implimentazzjoni tal-programm għandha tiġi ssimplifikata aktar permezz tal-użu ta' somom f'daqqa, ta' finanzjament b'rata fissa u l-applikazzjoni ta' rati ta' prezz tal-unità.

(17) Għandhom ikunu previsti miżuri tranżizzjonali għall-monitoraġġ tal-azzjonijiet li nbdew qabel il-31 ta' Diċembru 2013 skont id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE.

(18) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba n-natura transnazzjonali u multilaterali tal-azzjoni u l-miżuri tal-programm, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(19) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, lill-Kummissjoni għandhom jingħatawlha setgħat ta' implimentazzjoni fl-ambitu u l-objettivi tal-Programm. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[5].

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment u objettivi ġenerali**

[5] ĠU L 55, 28.2.2011, p.13.

1. Dan ir-regolament jistabbilixxi l-programm “L-Ewropa għaċ-Ċittadini” (minn issa ’l quddiem imsejjaħ “il-programm”) għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2020.

2. Skont l-għan globali ta’ kontribut għall-fehim dwar l-Unjoni Ewropea u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ċivika, il-programm għandu jikkontribwixxi għall-għan ġenerali li ġej:

– It-tisħiħ tal-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

**Objettivi speċifiċi tal-programm**

Il-programm għandu jkollu l-objettivi speċifiċi li ġejjin, li għandhom jiġu implimentati permezz ta’ azzjonijiet fuq livell transnazzjonali jew b’dimensjoni Ewropea ċara:

1. iqajjem kuxjenza dwar il-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni, l-identità u l-għan tal-Unjoni billi jistimula dibattitu, riflessjoni u netwerking;

   Il-progress se jitkejjel permezz tan-numru ta’ benefiċjarji li jintlaħqu direttament u indirettament, il-kwalità tal-proġetti, u l-perċentwali ta’ applikanti tal-ewwel darba.

2. jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni demokratika u ċivika taċ-ċittadini fil-livell tal-Unjoni, billi jiżviluppa l-fehim taċ-ċittadini dwar il-proċess tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni u l-promozzjoni ta’ opportunitajiet għall-involviment tas-soċjetà u l-volontarjat fil-livell tal-Unjoni.

   Il-progress se jitkejjel permezz tan-numru ta’ benefiċjarji li jintlaħqu direttament u indirettament, il-perċezzjoni tal-UE u tal-istituzzjonijiet tagħha mill-benefiċjarji, il-kwalità tal-proġetti, u l-perċentwali ta’ applikanti tal-ewwel darba.

*Artikolu 3*

**L-istruttura tal-programm u l-azzjonijiet appoġġjati**

1. Il-programm għandu jikkonsisti fiż-żewġ linji li ġejjin:

(a) "Il-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni u ċ-ċittadinanza Ewropea”

(b) "L-involviment demokratiku u l-parteċipazzjoni ċivika”.

Iż-żewġ linji għandhom jiġu kkumplimentati minn azzjonijiet orizzontali għall-analiżi, disseminazzjoni u sfruttament tar-riżultati tal-proġett (azzjonijiet ta’ “Valorizzazzjoni”).

2. Sabiex jilħaq l-objettivi tiegħu, il-programm għandu jiffinanzja, fost l-oħrajn, it-tipi ta’ azzjonijiet li ġejjin, implimentati fuq livell transnazzjonali jew li għandhom dimensjoni Ewropea ċara:

– Laqgħat taċ-ċittadini, ġemellaġġi tal-ibliet

– Il-ħolqien u l-operazzjonijiet ta’ sħubiji u netwerks transnazzjonali

– Appoġġ għall-organizzazzjonijiet ta’ interess ġenerali Ewropew

– Il-bini tal-Komunità u dibattiti dwar kwistjonijiet taċ-ċittadinanza bbażata fuq l-użu tal-ICT u/jew midja soċjali

– Avvenimenti fil-livell tal-Unjoni

– Dibattiti/studji u interventi dwar mumenti importanti fl-istorja Ewropea, b’mod partikolari biex jinżammu ħajjin il-memorji tar-reati mwettqa taħt in-Nazziżmu u l-Istaliniżmu

– Riflessjoni/dibattiti fuq valuri komuni

– Inizjattivi biex titqajjem kuxjenza dwar l-istituzzjonijiet tal-UE u l-funzjonament tagħhom

– Azzjonijiet li jisfruttaw u jkomplu jivvalorizzaw ir-riżultati tal-inizjattivi appoġġjati

– Studji dwar kwistjonijiet relatati maċ-ċittadinanza u l-parteċipazzjoni ċivika

– Appoġġ tal-istrutturi ta’ informazzjoni/ta' pariri tal-programm fl-Istati Membri

*Artikolu 4*

**Miżuri**

Il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta’ għotjiet jew kuntratti ta’ akkwist pubbliku.

1. Għotjiet tal-Unjoni jistgħu jiġu pprovduti permezz ta’ forom speċifiċi bħal għotjiet operattivi, jew għotjiet ta’ azzjoni.

2. Il-kuntratti tal-akkwist pubbliku se jkopru x-xiri ta' servizzi, bħal dawk għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti, l-istudji u r-riċerka, l-informazzjoni u l-għodod ta' disseminazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjonijiet.

*Artikolu 5*

**Parteċipazzjoni fil-programm**

Il-programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li ġejjin, minn issa ’l quddiem imsejħa l-‘pajjiżi parteċipanti’:

(c) l-Istati Membri;

(d) il-pajjiżi aderenti, dawk kandidati u dawk potenzjalment kandidati, b’mod konformi mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni

ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Qafas, Deċiżjonijiet ta' Assoċjazzjoni tal-Kunsill jew Ftehimiet simili rispettivi;

(e) il-pajjiżi tal-EFTA parti għall-Ftehim taż-ŻEE, skont id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim.

*Artikolu 6*

**Aċċess għall-programm**

Il-programm għandu jkun miftuħ għall-partijiet interessati kollha li jippromwovu l-integrazzjoni Ewropea, b'mod partikolari awtoritajiet u organizzazzjonijiet lokali partikolari, organizzazzjonijiet ta' riċerka tal-politika pubblika Ewropea (gruppi ta' riflessjoni), gruppi ta-ċittadini u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili (bħall-assoċjazzjonijiet tas-superstiti), u l-istituzzjonijiet edukattivi u tar-riċerka.

*Artikolu 7*

**Kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali**

Il-programm jista' jkopri attivitajiet konġunti fil-qasam koperti minn dan il-programm, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO, fuq il-bażi ta' kontribuzzjonijiet konġunti u skont ir-Regolament Finanzjarju[6].

*Artikolu 8*

**L-implimentazzjoni tal-programm**

Sabiex timplimenta l-programm, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi annwali tax-xogħol permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9(2). Dawn għandhom jistabbilixxu l-objettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tal-pjan ta' finanzjament. Dawn għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u skeda indikattiva tal-implimentazzjoni. Għall-għotjiet għandhom jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji ta' evalwazzjoni essenzjali u r-rata massima ta' kofinanzjament.

*Artikolu 9*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament 182/2011.

---

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ir-Regolament Finanzjarju) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. – ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament 182/2011.

*Artikolu 10*

**Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-Kummissjoni għandu jkollha djalogu regolari mal-benefiċjarji tal-programm u l-partijiet interessati rilevanti u l-esperti.

*Artikolu 11*

**Koerenza ma' strumenti oħra tal-Unjoni**

Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza u l-komplementarjetà bejn dan il-programm u strumenti f'oqsma oħra ta' azzjoni tal-Unjoni, speċjalment l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, il-kultura, l-isport, id-drittijiet u libertajiet fundamentali, l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza tas-sessi, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-politika tat-tkabbir u l-azzjoni esterna tal-Unjoni.

*Artikolu 12*

**Baġit**

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm għandu jkun ta' EUR229 miljun.

2. Ir-riżorsi allokati għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni taħt dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll biex ikopru l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea[7] sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 13*

**Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea**

3. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attivitajiet illegali oħra, b'kontrolli effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa ħażin u, skont il-każ, permezz ta' pieni effettivi, proporzjonati u ta' deterrent.

---

[7] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni – Baġit għall-Ewropa 2020 Parti II (Faxxikoli tal-politika), COM(2011) 500 finali, 29.06.2011.

4. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' verifika, fuq il-bażi ta' dokumenti u dik fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha tal-għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi li rċevew fondi mill-Unjoni taħt il-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki fuq il-post u spezzjonijiet fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament permezz ta' tali finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt dwar il-finanzjament tal-Unjoni.

Bla ħsara għall-ewwel u t-tieni subparagrafi, ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali u ftehimiet dwar għotjiet u deċiżjonijiet dwar għotjiet u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jagħtu s-saħħa b'mod ċar lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF biex iwettqu verifiki, kontrolli fuq il-post u spezzjonijiet bħal dawn.

*Artikolu 14*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Programm jiġi mmonitorjat regolarment skont l-objettivi tiegħu permezz ta' indikaturi relatati mal-prestazzjoni. Ir-riżultati tal-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandhom jiġu utilizzati fl-implimentazzjoni tal-programm. Il-monitoraġġ jinkludi b'mod partikolari t-tfassil tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a) u (c).

Fejn rilevanti, l-indikaturi għandhom jitqassmu skont is-sess u l-età.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura evalwazzjoni regolari, esterna u indipendenti tal-programm u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew fuq bażi regolari.

3. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni:

(a) rapport ta' evalwazzjoni interim dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tal-programm mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017;

(b) komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-programm mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018;

(c) rapport ta' evalwazzjoni ex-post sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2023.

*Artikolu 15*

**Dispożizzjoni transizzjonali**

Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill titħassar mill-1 ta' Jannar 2014.

L-azzjonijiet li jkunu nbdew qabel il-31 ta' Diċembru 2013 skont id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE għandhom ikomplu jiġu rregolati, sa meta jitlestew, minn dik id-Deċiżjoni.

Kif previst bl-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għal dħul assenjat li jirriżulta mill-ħlas lura ta' ammonti mħallsa indebitament skont id-Deċiżjoni 1904/2006/KE jistgħu jsiru disponibbli għall-Programm.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS

## 1. DESKRIZZJONI TAL-INIZJATTIVI

Informazzjoni kumplimentari dwar l-aċċess għall-programm

**LINJA 1: Il-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni u ċ-ċittadinanza Ewropea**

Il-linja hija definita minn proġetti u inizjattivi possibbli li jistgħu jiġu mnedija taħt l-intestatura tagħha, mhux mit-tip ta' organizzazzjonijiet ċiviċi jew atturi li jistgħu japplikaw.

Għandha tappoġġja attivitajiet li jistiednu riflessjoni fuq valuri komuni fl-aktar sens wiesa', filwaqt li tiġi kkunsidrata d-diversità. Jistgħu jkunu disponibbli fondi għal inizjattivi li jirriflettu fuq il-kawżi tar-reġimi totalitarji fl-istorja moderna tal-Ewropa (speċjalment iżda mhux esklużivament in-Nazziżmu u l-Istaliniżmu) u sabiex jiġu mfakkra l-vittmi tagħhom. Il-linja għandha tinkludi wkoll attivitajiet dwar punti ta' referenza oħra fl-istorja Ewropea riċenti. B'mod partikolari, din se tagħti preferenza lill-azzjonijiet li jinkoraġġixxu t-tolleranza u r-rikonċiljazzjoni bl-iskop li tintlaħaq il-ġenerazzjoni żagħżugħa.

**LINJA 2: L-impenn demokratiku u l-parteċipazzjoni ċivika**

Il-linja hija definita minn proġetti u inizjattivi possibbli li jistgħu jiġu mnedija taħt l-intestatura tagħha, mhux mit-tip ta' organizzazzjonijiet ċiviċi jew atturi li jistgħu japplikaw. Il-linja se tinkludi attivitajiet li jkopru l-parteċipazzjoni ċivika fl-aktar sens wiesa', b'enfasi partikolari fuq il-metodi ta' strutturar għal sostenibbiltà fit-tul. Se tagħti preferenza lill-inizjattivi u l-proġetti b'rabta ċara mal-aġenda politika Ewropea.

Tista' tkopri wkoll proġetti u inizjattivi li jiżviluppaw opportunitajiet ta' solidarjetà, impenn soċjali u volontarjat fil-livell tal-Unjoni.

Jifdal ħafna xi jsir biex jiġu attirati aktar nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi. Il-fehmiet tan-nisa għandhom jinstemgħu aħjar u tittieħed azzjoni fuqhom minn dawk responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi li għandhom impatt fuq il-ħajja tan-nies.

**AZZJONI ORIZZONTALI: Valorizzazzjoni**

Din l-azzjoni għandha tiġi definita għall-Programm ġenerali u tkun applikabbli kemm għal-Linja 1 kif ukoll għal-Linja 2.

Għandha tappoġġja inizjattivi li jagħtu spinta lit-trasferibbiltà tar-riżultati, tipprovdi qligħ aħjar minn fuq l-investiment, u żżid it-tagħlim mill-esperjenza. Ir-raison d'être ta' din l-azzjoni huwa "valorizzazzjoni" ulterjuri u l-isfruttament tar-riżultati tal-inizjattivi mnedija bil-għan li tingħata spinta lis-sostenibbiltà fit-tul.

Din se tinkludi l-"bini tal-kapaċitajiet" - l-iżvilupp ta' miżuri ta' appoġġ għall-iskambju tal-aħjar prattika, il-ġabra flimkien ta' esperjenzi bejn il-partijiet interessati fil-livelli lokali u reġjonali inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, u l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda, pereżempju permezz tat-taħriġ. Dan tal-aħħar jista' jinkludi skambju interattiv, taħriġ għat-trejners, kif ukoll pereżempju l-iżvilupp ta' database dwar l-organizzazzjonijiet/il-proġetti ffinanzjati mill-programm.

## 2. ĠESTJONI TAL-PROGRAMM

Il-programm se jiżviluppa l-prinċipju tas-sħubiji multiannwali bbażati fuq objettivi miftiehma, li jibnu fuq l-analiżi tar-riżultati, sabiex jiġu żgurati benefiċċji reċiproċi kemm għas-soċjetà ċivili kif ukoll għall-Unjoni Ewropea.

B'mod ġenerali, tingħata preferenza lil għotjiet għal proġetti b'impatt kbir, b'mod partikolari dawk li huma direttament marbuta ma' politiki tal-Unjoni bil-għan li jkun hemm parteċipazzjoni fit-tfassil tal-aġenda politika tal-Unjoni.

Il-ġestjoni tal-programm u l-maġġoranza tal-azzjonijiet jistgħu jkunu amministrati ċentralment minn aġenzija eżekuttiva.

L-azzjonijiet kollha se jiġu implimentati fuq bażi transnazzjonali jew għandu jkollhom dimensjoni Ewropea ċara. Huma se jinkoraġġixxu l-mobbiltà taċ-ċittadini u l-iskambju tal-ideat fl-Unjoni Ewropea.

L-elementi tan-networking u l-iffukar fuq l-effetti multiplikaturi, inkluż l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) moderni u l-midja soċjali, se jkunu importanti u riflessi kemm fit-tipi ta' attivitajiet kif ukoll fil-firxa ta' organizzazzjonijiet involuti. L-iżvilupp ta' interazzjoni u sinerġija fost it-tipi differenti ta' partijiet interessati involuti fil-programm se jkun imħeġġeġ bil-qawwa.

Il-baġit tal-programm jista' jkopri wkoll infiq assoċjat mal-attivitajiet ta' preparazzjoni, segwitu, monitoraġġ, verifika u evalwazzjoni direttament meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u t-twettiq tal-objettivi tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat, informazzjoni u pubblikazzjoni, nefqa assoċjata man-netwerks tal-IT għall-iskambju ta' informazzjoni u kwalunkwe infiq amministrattiv u ta' appoġġ tekniku li tista' tiddeċiedi l-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

In-nefqa amministrattiva globali tal-programm għandha tkun proporzjonata mal-kompiti previsti fil-programm ikkonċernat.

Il-Kummissjoni tista' twettaq attivitajiet ta' informazzjoni, pubblikazzjoni u disseminazzjoni kif xieraq, u b'hekk tiżgura konoxxenza wiesgħa u impatt għoli tal-attivitajiet appoġġati mill-programm.

Il-baġit allokat ikopri wkoll il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni[8].

## 3. MONITORAĠĠ

L-objettivi speċifiċi fl-Artikolu 2 jiddeskrivu r-riżultati li l-Programm jipprova jikseb. Il-progress se jitkejjel bl-użu ta' indikaturi relatati mal-prestazzjoni, kif ġej:

**Objettiv speċifiku nru 1**: Titqajjem kuxjenza dwar il-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni, l-identità u l-għan tal-Unjoni billi jiġi stimulat dibattitu, riflessjoni u netwerking.

---

[8] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni – Baġit għall-Ewropa 2020 Parti II (Faxxikoli tal-politika), COM(2011) 500 finali, 29.06.2011.

| Indikaturi tar-riżultat | L-aħħar riżultat magħruf | Mira fit-tul medju (riżultat) |
|---|---|---|
| Numru ta' benefiċjarji milħuqa direttament jew indirettament | L-indikaturi użati attwalment ma jipprovdux din id-dejta.<br><br>Il-programm il-ġdid se jistabbilixxi linja bażi għal dan l-indikatur. | |
| Numru ta' proġetti u l-kwalità tar-riżultati | L-indikaturi użati attwalment ma jipprovdux din id-dejta.<br><br>Il-programm il-ġdid se jistabbilixxi linja bażi għal dan l-indikatur. | Żieda tal-proġetti bi 80 %<br><br>Żieda tar-riżultat medju mogħti mill-esperti esterni |
| Perċentwal tal-applikanti għall-ewwel darba | Figura medja madwar 33 % (skont l-azzjoni u s-sena) | Minimu ta' 15 % fl-oqsma kollha. |

**Objettiv speċifiku nru 2**: Inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni demokratika u ċivika taċ-ċittadini fil-livell tal-Unjoni, billi jiġi żviluppat il-fehim taċ-ċittadini dwar il-proċess tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni u l-promozzjoni ta' opportunitajiet għal involviment soċjali u volontarjat fil-livell tal-Unjoni.

| Indikaturi tar-riżultat | L-aħħar riżultat magħruf | Mira fit-tul medju (riżultat) |
|---|---|---|
| Numru ta' parteċipanti involuti direttament | 1 100 000 ċittadin (2010)<br><br>Il-programm il-ġdid se jistabbilixxi linja bażi għal dan l-indikatur. | Minimu ta' 600 000 persuna fis-sena b'parteċipazzjoni bbilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel. |
| Numru ta' persuni milħuqa indirettament mill-Programm | L-indikaturi użati attwalment ma jipprovdux din id-dejta.<br><br>Il-programm il-ġdid se jistabbilixxi linja bażi għal dan l-indikatur. | Aggregazzjoni tal-informazzjoni u r-riżultati pprovduti fir-rapport finali.<br><br>Mira fit-tul medju:<br>5 miljun persuna (b'kunsiderazzjoni tan-numru ta' nisa u rġiel milħuqa). |
| Numru ta' organizzazzjonijiet li qed jieħdu sehem | L-indikaturi użati attwalment ma jipprovdux din id-dejta.<br><br>Il-programm il-ġdid se jistabbilixxi linja bażi għal dan l-indikatur. | 2.000 organizzazzjoni fis-sena. |
| Il-perċezzjoni tal-UE u l- | Skont l-Eurobarometer ta' | Żieda fil-livell ta' |

| | | |
|---|---|---|
| istituzzjonijiet tagħha mill-benefiċjarji | Awwissu 2011, inqas minn nofs (41 %) iċ-ċittadini Ewropej jafdaw l-UE jew iħossu sens ta' appartenenza fiha.<br><br>Il-figuri ta' bażi komparattiva għall-benefiċjarji tal-programm li jiġu stabbiliti fil-bidu tal-proġetti | fiduċja/kunfidenza mill-benefiċjarji tal-programm fl-Unjoni Ewropea wara li jitlesta l-proġett tagħhom. |
| Kwalità tal-proġetti | L-indikaturi użati attwalment ma jipprovdux din id-dejta.<br><br>Il-programm il-ġdid se jistabbilixxi linja bażi għal dan l-indikatur. | Żieda tar-riżultat medju mogħti mill-esperti esterni |
